MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 32/2003/1

**Carmel Joseph Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmel Joseph Farrugia pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu r-rikorrent, wara illi ppremetta illi huwa gie akkuzat mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati talli huwa holoq b'qerq it-tracci ta' reat, cioè *hold-up*, fil-fond gestit mis-socjetà *Antsat Limited* f'Valley Road, Msida, bi skop ta'

frodi ghad-dannu ta’ l-assikuraturi ta’ l-istess socjetà, fid-29 ta’ Jannar, 2002; il-Pulizija Ezekuttiva ressqet ukoll bl-istess akkuza lil Anthony Farrugia, impjegat tar-rikorrent, flimkien ma’ l-istess rikorrent; illi fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra r-rikorrent u kontra l-impjegat tieghu Anthony Farrugia, wara illi b’decizjoni tal-prosekuzzjoni l-kaz ta’ l-imsemmi impjegat gie mifrud minn dak tar-rikorrent, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fil-konfront ta’ l-impjegat Anthony Farrugia; is-sentenza nghatat, fit-30 ta’ Gunju, 2003, u ddecidiet il-meritu tal-kaz qabel inghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, illi l-kaz tieghu huwa attwalment pendenti; illi b’konsegwenza tal-premess gew vjolati fil-konfront tar-rikorrent id-dritt ghal smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit skond il-ligi, kif ukoll il-garanzija tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza; talab illi dik il-Qorti joghgobha: 1. tiddikjara u tiddeciedi li permezz ta’ l-agir taghhom kif fuq spjegat l-intimati vvjolaw l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja; u 2. taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jitqiesu xierqa u opportuni in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrent;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati illi permezz taghha issottomettew:

Illi fl-ewwel lok ebda drittijiet tar-rikorrent ma gew ivvjolati *stante* li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mexxa l-prosekuzzjoni ta’ Anthony Farrugia u dik tar-rikorrent in ottemperanza assoluta mad-dettami tal-Procedura Kriminali, u huwa fid-dawl ta’ dan illi qed jezercita d-dritt tieghu skond il-ligi illi jressaq liz-zewg imputati quddiem il-Qorti separatament;

Illi fit-tieni lok, huma jhossu necessarju jenfasizzaw illi fl-opinjoni taghhom ma jregix illi s-semplici fatt li kaz instama’ qabel iehor fih innifsu ghandu jippregudika is-smigh xieraq u/jew il-prezunzjoni ta’ l-innocenza; huma jinsabu konvinti li l-Qrati taghna huma maturi bizzejjed sabiex ikunu kapaci jikkonsidraw kull kaz fuq il-merti tieghu individwali;

F'dan ir-rigward huma jirrilevaw illi huwa pacifiku anke fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi l-fatt illi gudikant ikun 'esprima ruhu' billi jkun iddecieda kawzi b'meritu simili jew billi jkun iddecieda kawzi relatati ma dik li tkun quddiemu ghad-decizjoni m'huwiex sufficjenti biex jaghti lok ghal *legitimate reason to fear lack of impartiality* u ghalhekk ma jippregudikax l-imparzjalità tal-gudikant jew is-smigh xieraq;
Dan gie pronuncjat mill-Qorti Ewropeja b'mod mill-aktar esplicitu fil-kaz ta' *Gillow vs United Kingdom* (Qorti Ewropeja 24 ta' Novembru 1996) fejn prattikament l-istess Imhallfin fir-*Royal Court* kienu l-ewwel iddecidew kawza Kriminali u wara iddecidew kawza civili fuq l-istess fatti f'cirkostanzi fejn, wara li esprimew ruhhom fil-kawza kriminali, kulhadd kien jobsor id-decizjoni taghhom x'kienet se tkun;
Fdak il-kaz il-Qorti Ewropeja qalet hekk:
'*Admittedly, with one exception, each member of the Royal Court who had sat in the first case also took part in the second, but this in itself is not reasonably capable of giving rise to legitimate doubts as to the impartiality of the Royal Court. It is in fact common in the Convention countries that higher courts deal with similar or related cases in turn*.'

Illi *inoltre* u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk madanakollu r-rikorrent ihoss li fil-kors tas-smigh il-Magistrat involut seta' b'xi agir ippregudika l-kaz tieghu, l-esponent ma jistax jifhem (*sic*) ghaliex l-istess rikorrent ma jitlobx ir-rikuza tal-Magistrat involut meta dan huwa rimedju ordinarju li huwa koncess lilu mil-ligi u huwa proprju indikat f'sitwazzjonijiet simili;

Ghaldaqstant talbu bir-rispett illi dik il-Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjerni bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

Rat is-sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2004 illi peremzz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dana wara illi kkonsidrat hekk:
"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza, fil-qosor, graw hekk:

"Ir-rikorrent u Anthomy Farrugia, impjegat tieghu, kienu mixlija li holqu tracci ta' reat biex iqarrqu bl-assikuraturi. Il-kaz kontra Anthony Farrugia kien mifrud minn dak kontra r-rikorrent u, waqt illi l-kaz kontra r-rikorrent ghadu ghaddej, kontra Anthony Farrugia nghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Gunju 2003, li kienet konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 t'April 2004.

"Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati kienet qaghdet fuq dak li qal Anthony Farrugia meta dan 'qal lill-pulizija li xi hmistax qabel Carmel Farrugia [ir-rikorrent] qallu biex jaghmlu din il-bicca xoghol … u fost l-affarijiet l-ohra qal li hu ghamel din il-bicca tax-xoghol biex izomm l-impjieg tieghu ghaliex beza' li kien ser jitlef il-post tax-xoghol'. Fis-sentenza taghha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali wkoll qalet illi 'huwa veru li l-appellant [Anthony Farrugia] agixxa fuq struzzjonijiet tal-principal tieghu, u forsi kien hemm ukoll xi ftit ta' axxendent da parti tal-principal fuq l-impjegat, u anke xi biza' da parti ta' l-appellant li jekk ma jaghmilx dak li kien gie ordnat lilu kien jitlef l-impjieg tieghu'.

"B'din il-konkluzjoni, ighid ir-rikorrent, ghalkemm il-kaz kontra tieghu ghadu qieghed jinstema', hu ma jistax jinghata smigh xieraq u ma ghadux jitqies innocenti sakemm instab hati. Ghalhekk, ma tharsux il-jeddijiet fondamentali tieghu mharsa taht l-art. 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni:

**39**. (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:

u l-art. 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 6

(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. …

(2) Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi.

“L-ilmenti tar-rikorrent jidher li huma, essenzjalment, tnejn: (i) illi min sejjer jiddeciedi dwar il-kaz tieghu gà iddecieda illi haddiehor ghamel l-istess reat ghax imgieghel minnu, u ghalhekk il-kaz tieghu ma huwiex sejjer jinstema’ quddiem tribunal imparzjali; u (ii) ghax saret stqarrija dwar il-htija tieghu waqt li l-kaz kontra tieghu ghadu jinstema’.

“**DWAR L-IMPARZJALITÀ SOGGETTIVA TAT-TRIBUNAL**

“Ir-rikorrent ma jidhirx li qieghed jinsisti wisq dwar l-ewwel ilment tieghu. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu hu osserva illi ‘il-kwistjoni kollha fil-kaz ta’ l-esponent ma tirrigwardax l-indipendenza jew l-imparzjalità, f’sens soggettiv, tal-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta’. Fil-fatt, sewwa qalu l-intimati fit-twegiba taghhom illi, jekk it-tribunal li jisma’ l-kaz kontra r-rikorrent ikun presjedut mill-istess gudikanti li taw sentenza fil-kaz ta’ Anthony Farrugia, ir-rikorrent ghandu r-rimedju ordinarju tar-rikuza, u ma hux il-kaz li din il-Qorti tinqeda bis-setgha moghtija lilha biex taghti rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

“Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, fil-kaz ta’ **Gillow kontra r-Renju Unit**, qalet illi Qorti ma titqiesx li ma hijiex imparzjali ghax semghet kaz iehor ta’ persuna ohra dwar l-istess fatti.

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghalhekk, ma hemm ebda ksur tal-jedd tar-rikorrent illi l-kaz tieghu jinstema’ u jinqata’ minn tribunal imparzjali.

“**DWAR IL-PREZUNZJONI TA’ INNOCENZA**

“Ir-rikorrent qieghed ighid ukoll, izda, illi l-fatt illi kien hemm stqarrija pubblika dwar il-htija tieghu hija bil-ksur tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza, u twassal biex kull tribunal li jisma’ l-kaz tieghu ma jkunx oggettivament imparzjali. Qieghed jistrieh fuq dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz ta’

**Butkevicius kontra l-Litwanja**:

1. The court recalls that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6 § 1. It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty.

“Il-Qorti, izda, fl-istess paragrafu kienet kompliet qalet hekk:

Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made.

“Fil-fatt, fil-kaz ta’ Butkevicius l-istqarrijiet kienu mahsuba biex jixxandru fil-*media* u nghataw pubblicità qawwija. Barra minn hekk, kienu stqarrijiet fejn il-fehma li Butkevicius kien hati kienet il-materja ewlenija. Ghalhekk kellhom l-effett illi jgieghlu lill-pubbliku jahseb illi Butkevicius kien hati qabel ma kien hemm decizjoni ta’ Qorti dwar il-kaz tieghu:

… in the Court’s opinion they amounted to declarations by a public official of the applicant’s guilt, which served to encourage the public to believe him guilty and prejudged

the assessment of the facts by the competent judicial authority.

“L-istess gara fil-kaz ta’ **Allenet de Ribemont kontra Franza** fejn il-Qorti Ewropea osservat illi:

In this case high ranking officers referred to applicant without any reservation or qualification as one of the instigators of a murder and thus as an accomplice in that murder. This was clearly a declaration of the applicant’s guilt, which firstly encouraged the public to believe him guilty and secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority.

“Ukoll fil-kaz ta’ **Il-Pulizija *versus* Dr Noel Arrigo *et*** il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza ghax mill-istqarrija tal-Prim’ Ministru:

… jirrizulta minghajr ebda dubbju illi oggettivament *there is some reasoning to suggest*, lill-pubbliku in generali, illi l-Onorevoli Prim Ministru kien qed jikkonsidra lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel reat illi bih huma gew akkuzati fil-proceduri kriminali illi fihom saret ir-referenza in kwestjoni.

“F’dawn il-kazijiet kien hemm ksur tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza ghax inholoq il-perikolu illi l-pubbliku, wara li jisma’ l-istqarrijiet maghmula minn ufficjal pubbliku, jasal ghal konkluzjoni dwar il-htija qabel ma tkun inghatat sentenza minn Qorti. Min-naha l-ohra, fil-kaz ta’ **Daktaras kontra l-Litwanja**, il-Qorti Ewropea sabet li ma kienx hemm ksur tal-prezunzjoni ta’ innocenza ghax, ghalkemm saret stqarrija minn ufficjal pubbliku dwar opinjoni ta’ htija, dik l-istqarrija ma kinitx imxandra lill-pubbliku:

2. The Court notes that in the present case the impugned statements were made by a prosecutor not in a context independent of the criminal proceedings themselves, as for instance in a press conference, but in the course of a reasoned decision at a preliminary stage

of those proceedings, rejecting the applicant's request to discontinue the prosecution.

"Il-kaz tar-rikorrent, ghalkemm mhux ghal kollox identiku, aktar jixbah, fil-konsiderazzjonijiet rilevanti tieghu, lil dak ta' Daktaras ghax fil-kaz tar-rikorrent l-istqarrijiet li minnhom qieghed jilmenta saru fil-kontest ta' proceduri gudizzjarji u biss safejn kienu mehtiega ghall-ghanijiet ta' dawk il-proceduri. Ghalkemm saru f'sentenza, li minnha nfisha hija dokument pubbliku, ma xxandrux b'dik il-prominenza li twassal lill-pubbliku b'mod generali li jasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tar-rikorrent.

"Huwa relevanti wkoll il-fatt illi d-decizjoni fil-kaz ta' Anthony Farrugia ma torbotx il-Qorti li trid tisma' u taqta' l-kaz kontra r-rikorrent billi din taghmel apprezzament indipendenti tax-xhieda li tisma' u tista' tasal ghal konkluzjoni differenti. Lanqas ma jista' jinghad illi s-sentenza fil-kaz ta' Anthony Farrugia tista' 'tinfluwenza' lill-Qorti li qieghda tisma' u sejra taqta' l-kaz tar-rikorrent; li kien hekk, fi proceduri fi grad ta' appell ma jista' qatt jinghata smigh xieraq ghax il-Qorti li tisma' l-appell tkun 'influwenzata' mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti!

"**KONKLUZJONI**

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, ma kien hemm ebda ksur la tal-jedd tar-rikorrent, imhares taht l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni u taht l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, ghal smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali, u lanqas tal-jedd tieghu li jitqies innocenti sakemm ma jigix provat hati skond il-ligi, imhares taht l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u taht l-art 6(2) tal-Konvenzjoni."

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab illi tigi revokata u mhassra s-sentenza appellata, billi jigi deciz illi bl-ghemil taghhom l-intimati appellati kisru l-artikoli 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement jinghataw dawk l-ordnijiet u direttivi li jkunu xierqa u mehtiega biex jitharsu il-jeddijiet ta' l-appellant;

Rat illi ma jirrizultax illi l-intimati appellati ipprezentaw risposta ghar-rikors ta' appell;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tar-rikorrent appellant kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta, ghar-rigward tal-lanjanza tar-rikorrent dwar il-ksur *o meno* tal-jedd tieghu ghall-presunzjoni ta' l-innocenza tieghu, qalet illi l-kaz odjern jixbah lil dak ta' *Daktaras vs Lithuania*;

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"Ma jistax ikun il-kaz illi l-principji suesposti jithallew jigu svalutati billi jigu nvokati 'cirkostanzi partikolari' (p. 5 tas-sentenza appelata)";

3. Dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell:
"L-argument avanzat mill-intimati, u abbraccjat mill-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sens illi l-esponent ghandu r-rimedju 'ordinarju' tar-rikuza, huwa nfondat mhux biss ghaliex l-ebda Artikolu fil-ligi vigenti ma jipprospetta r-rikuza fic-cirkostanzi tal-kaz ta' l-esponent imma aktar minn hekk ghaliex l-ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali ma jista' jigi *bypassed* bir-rikuza ta' gudikant. Kien ghalhekk ukoll illi gie sottolineat li l-esponent qed jilmenta min-nuqqas oggettiv ta' smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali; u mhux ghaliex fi kliem l-ewwel Onorabbli Qorti 'ir-rikorrent ma jidhirx li qieghed jinsisti wisq dwar l-ewwel ilment tieghu' (p. 4 tas-sentenza appellata)";

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta' appell ir-rikorrent, qabel ma ghamel is-sottomissjonijiet tieghu rigward l-ewwel (1) aggravju, qal hekk (fol. 40):

"L-esponent jibda billi jiccita … dan li gej mis-sentenza appellata:-

'*Il-kaz tar-rikorrent, ghalkemm mhux ghal kollox identiku, aktar jixbah, fil-konsiderazzjonijiet tieghu, lil dak ta' '<u>Daktaras</u>' ('<u>Daktaras kontra l-Litwanja</u>'* Qorti Ewropea, 19 *ta' Settembru, 2000), ghax fil-kaz tar-rikorrent <u>l-istqarrijiet</u> (sottolinear ta' l-esponent) li minnhom qieghed jilmenta saru fil-kontest ta' proceduri gudizzjarji u biss sa fejn kienu mehtiega ghall-ghanijiet ta' dawk il-proceduri, Ghalkemm saru f'sentenza, li minnha nfisha hija dokument pubbliku, ma xxandrux b'dik il-prominenza li twassal lill-pubbliku b'mod generali li jasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tar-rikorrent*' (p. 5 tas-sentenza appellata.

"Fil-kaz ta' *Daktaras* kien inghad hekk:

'*2. The court notes that in the present case the impugned statements were made by a prosecutor not in a context independent of the criminal proceedings themselves, as for instance in a press conference, but in the case of a reasoned decision at a preliminary stage of those proceedings, rejecting the applicant's request to discontinue the prosecution*'."

Imbaghad, ir-rikorrent, bl-iskop illi juri illi dak deciz fil-kaz *Daktaras*, u illi ghalih hemm riferenza fis-silta citata mis-sentenza appellata, ma japplikax ghall-kaz odjern, jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet, riprodotti fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 41):
"(i) Iz-zewg sentenzi moghtija fil konfront ta' Anthony Farrugia, dik tal-Qorti tal-Magistrati u dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ma jistghu jigu ekwiparati b'ebda mod ma <u>stqarrija</u> li ssir minn <u>ufficjal pubbliku</u>, komprizi il-prosekutur fi proceduri penali, sew jekk fil-kuntest ta' proceduri penali u sew jekk f'xi kontest iehor pubbliku. L-istess sentenzi jikkostitwixxu *per se* '<u>a formal finding of guilt</u>' fil-konfront ta' l-esponent (<u>*Butkevicius kontra l-Litwanja*</u>, Qorti Ewropea, 12 ta' Marzu, 2002) <u>stabbilita b'sentenza ta' Qorti</u>";

"(ii) Mhuwiex … rilevanti li jinghad illi tali *finding of guilt* sehh

'biss safejn kienu mehtiega ghall-ghanijiet ta' dawk il-proceduri' (p. 5 tas-sentenza appellata) … Il-provvedimenti tal-ligi li jharsu l-jeddijiet tal-bniedem ma jistghux jigu stultifikati b'dan il-mod. Jekk oggettivament sehhx il-ksur tal-jedd ta' l-esponent ghall-presunzjoni ta' l-innocenza kellha tkun il-kwistjoni rilevanti";

"(iii) Ghalhekk ukoll … ma kienx rilevanti li jinghad illi 'ghalkemm (l-istqarrijiet) saru f'sentenza, li minnha nfisha hija dokument pubbliku, ma xxandrux b'dik il-prominenza li twassal lill-pubbliku b'mod generali li jasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tar-rikorrent' (p. 5 tas-sentenza appellata). Oltre l-fatt illi kif inghad giet li sehhet dikjarazzjoni ta' htija kriminali da parti ta' Qorti, ix-xandir bi grad akbar jew anqas ta' prominenza ta' dik is-sentenza hi konsiderazzjoni li tesorbita ghal kollox f'dan il-kaz min-natura vera tal-lanjanza ta' l-esponent";

Wara illi jaghmel dawn is-sottomissjonijiet, l-appellant jispicca l-parti tar-rikors ta' appell relativa ghall-ewwel (1) aggravju b'dan il-mod (fol. 41):
"Il-kaz li minnu qed jillamenta l-esponent hu nettament distint u divers minn dak illi wassal ghad-decizjoni f' *Daktaras kontra l-Litwanja*, ghar-ragunijiet imfissra" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

L-ewwel haga illi ghandha tinghad dwar is-sottomissjoni (i) hija illi dina l-Qorti tiddeplora l-fatt illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi gew esebiti kopji legali taz-zewg (2) sentenzi msemmija fl-istess sottomissjoni; jezistu biss zewg (2) dokumenti, markati 'C' (fol. 27 u 28) u 'D' (fol. 29 sa 32), esebiti mir-rikorrent flimkien man-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, intavolata quddiem l-eewel Qorti fit-tlieta (3) ta' Awissu, 2004 (fol. 21 sa 24). Peress illi l-intimati ma ghamlu ebda oppozizzjoni ghal dawn id-dokumenti u peress illi jidher illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti hadet konjizjoni taghhom, dina l-Qorti qed

tikkonsidra illi l-istess dokumenti jikkostitwixxu prova valida;

Dan precizat, mill-imsemmi dokument ‘C’ - illi jidher illi huwa kopja ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-tletin (30) ta’ Gunju, 2003 f’kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Farrugia* - ma jirrizultax illi l-Qorti sabet ‘*a formal finding of guilt* fil-konfront ta’ l-esponent’ (jigifieri, ir-rikorrent). Dina l-Qorti, wara illi ezaminat dan id-dokument bir-reqqa, hija tal-fehma illi dak illi jirrizulta minnu u illi, b’xi mod jista’ jkun rilevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna, huwa illi hemm riassunt ta’ x’qal lill-Pulizija u lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-imsemmi Anthony Farrugia dwar ir-rikorrent fit-termini segwenti (fol. 28):
“Illi ftit wara l-imputat [Anthony Farrugia] biddel din il-versjoni u qal lill-pulizija li xi hmistax qabel Carmel Farrugia [ir-rikorrent] qallu biex jaghmlu din il-bicca xoghol. Hu kkollabora mal-pulizija u wera fejn kien heba xi affarijiet l-imsemmi Carmel Farrugia. L-imputat ikkonferma din il-versjoni fix-xhieda tieghu u fost l-af[f]arijiet l-ohra qal li hu ghamel din il-bicca tax-xoghol biex izomm l-impjieg tieghu ghaliex beza li kien ser jitlef il-post tax-xoghol”;

Hawn xi persuna sana illi, minn dak illi jinghad f’din is-silta, tista’ regonevolment tikkonkludi illi jirrizulta ‘*a formal finding of guilt* fil-konfront’ tar-rikorrent? Certament li le. F’dan ir-rigward, a skans ta’ ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konvinta illi l-kliem f’din is-silta “… u wera fejn kien heba xi affarijiet l-imsemmi Carmel Farrugia” ma jammontawx ghal konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi jinsab pruvat illi r-rikorrent “heba xi affarijiet” izda huma riproduzzjoni ta’ x’qal l-imsemmi Anthony Farrugia lill-pulizija waqt l-investigazzjoni tal-kaz;

Dina l-Qorti ezaminat sewwa ukoll id-dokument ‘D’ - illi jidher illi huwa kopja ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-tnejn (2) ta’ April, 2004 illi permezz taghha gie determinat l-appell interpost mill-imsemmi Anthony Farrugia kontra l-imsemmija sentenza tat-30 ta’ Gunju, 2003 - u, fil-fehma taghha, huwa evidenti illi huwa dak illi jinghad fis-segwenti silta minn dak id-dokument, citata fis-

sentenza appellata, illi r-rikorrent appellant ghandu lanjanza dwaru (fol. 32):
"… huwa veru li l-appellant [Anthony Farrugia] fuq struzzjonijiet tal-principal tieghu, u forsi kien hemm ukoll xi ftit ta' axxendent da parti tal-principal fuq l-impjegat, u anke xi biza da parti ta' l-appellant li jekk ma jaghmilx dak li kien gie ordnat lilu kien jitlef l-impjieg tieghu …";

Minn ezami ta' din is-silta appena citata wahedha huwa possibbli illi wiehed jikkonkludi illi hija tikkontjeni sejbien ta' xi htija fil-konfront ta' l-appellant u illi, ghalhekk, gie lez id-dritt tieghu ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza. Però, l-ezami ma jistax u ma ghandux jieqaf hawn ghaliex, fuq l-iskorta ta' dak illi jinghad fis-siltiet mis-sentenza *Butkevicius vs Lithuania* citati fis-sentenza appellata (fol. 36):
"… *whether a statement of a public official is in breach of the presumption must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn ezami tad-dokument 'D' kollu jirrizulta illi l-kuntest tac-cirkostanzi illi fihom inghad il-kliem kontenut fis-silta hawn fuq citata minn dan id-dokument kien illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qed tikkonsidra l-aggravju ta' l-appellant Anthony Farrugia illi, fi kliem l-istess dokument, "huwa [Anthony Farrugia] kien gie koatt ossia kostrett jaghmel dak li ghamel mill-principal tieghu" u illi, ghalhekk, *ai termini* ta' l-Artikolu 47 (a) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) l-istess Anthony Farrugia ma kienx hati tar-reat migjub kontrih. Dan jirrizulta mis-segwenti silta (fol. 32) mill-imsemmi dokument 'D' illi tigi immedjatament wara dik fuq citata:
"madanakollu minn qari akkurat kemm tad-deposizzjoni ta' l-istess appellant [Anthony Farrugia] quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll tad-deposizzjoni ta' martu, ma jistax jinghad li jirrizultaw l-estremi ta' l-iskriminanti kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap. 9. Il-pressjoni li kien tahtha l-appellant ma kienitx irrezistibbli";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dak illi kienet qed tghid il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien illi, anke jekk, ghall-fini tad-

determinazzjoni ta' dak l-aggravju ta' Anthony Farrugia, kellu jigi konsidrat illi dak illi xehdu Anthony Farrugia u martu dwar ir-rikorrent appellant kien veru, ma kienx il-kaz illi l-istess Anthony Farrugia jigi mehlus mill-akkuza migjuba kontrih minhabba dak illi jiddisponi l-Artikolu 47 (a) tal-Kap. 9.

Ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni il-kuntest taccirkostanzi partikolari illi fihom inghad il-kliem tad-dokument 'D' lamentat mill-appellant, ma jirrizultax illi bl-istess kliem gie lez id-dritt ta' l-appellant ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu;

In vista ta' dak illi inghad sa issa, is-sottomissjoni (i) ta' l-appellant ma hijiex valida;

Ikkunsidrat:

Anqas is-sottomissjoni (ii) ta' l-appellant ma hija valida ghaliex, filwaqt illi dak illi, essenzjalment, qed isostni l-appellant permezz ta' din is-sottomissjoni huwa illi "Jekk oggettivament sehhx il-ksur tal-jedd ta' l-esponent ghall-presunzjoni ta' l-innocenza kellha tkun il-kwistjoni rilevanti", ma jistax jinghad illi l-ksur tal-prezunzjoni ta' l-innocenza huwa materja oggettiva meta, skond is-silta già citata mis-sentenza *Butkevicius vs Lithuania*:
"*Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Kwantu ghas-sottomissjoni (iii) ta' l-appellant, tajjeb illi, l-ewwel nett, jigu citati mill-gdid il-kliem illi bihom, fir-rikors ta' appell, l-appellant jaghlaq l-osservazzjonijiet tieghu dwar l-ewwel (1) aggravju (fol. 41):
"Il-kaz li minnu qed jillamenta l-esponent hu nettament distint u divers minn dak illi wassal ghad-decizjoni f' *Daktaras kontra l-Litwanja*, ghar-ragunijiet imfissra";

Minn dan il-kliem ta’ l-appellant din l-Qorti tiddeduci illi l-istess appellant mhux qed jikkontesta l-validità tal-principju stabbilita bis-sentenza *Daktaras vs Lithuania*, senjatament il-parti taghha citata fis-sentenza appellata. Li qed jghid l-appellant huwa illi l-kaz odjern huwa differentiminn dak ta’ *Daktaras vs Lithuania*;

Dan premess, kif jista’ l-appellant isostni fis-sottomissjoni (iii) tieghu illi “ma kienx rilevanti” (sottolinear ta’ dina l-Qorti) l-konsiderazzjonijiet maghmul fis-sentenza appellata illi l-istqarrijiet lamentati mill-appellant saru f’sentenza u illi ma xxandrux bi prominenza, meta fis-silta mis-sentenza *Daktaras vs Lithuania* citata fis-sentenza appellata il-Qorti Ewropea ‘*notes that in the present case the impugned statements were made by a prosecutor not in a context independent of the criminal proceedings themselves as for instance in a press conference, but in the course of a reasoned decision* …’? Fil-fehma ta’ dina l-Qorti dawn il-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti kienu rilevanti hafna ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kwistjoni tal-ksur *o meno* tad-dritt ghall-prezuzjoni ta’ l-innocenza fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari illi fihom saru l-istess stqarrijiet;

Ghaldaqstant, anqas is-sottomissjoni (iii) ta’ l-appellant ma hija valida;

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi, la darba dina l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi ebda wahda mit-tliet (3) sottomissjonijiet illi ghamel l-appellant in sostenn ta’ l-ewwel (1) aggravju tieghu ma hija fondata, l-istess aggravju mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kif già inghad, it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant huwa illi:

“Ma jistax ikun il-kaz illi l-principji suesposti jithallew jigu svalutati billi jigu nvokati ‘cirkostanzi partikolari’ (p. 5 tas-sentenza appellata)”;

Ma hemmx dubbju illi 'l-principji suesposti' illi ghalihom jirreferi t-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti huwa dawk illi jirrizultaw mis-segwenti silta mir-rikors ta' appell (fol. 42):
"Hu pacifiku illi:

a. Il-harsien tal-jedd ghall-presunzjoni ta' l-innocenza huwa wiehed mill-elementi ta' 'smigh xieraq' li jinsab garantit bl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

b. Jekk jirrizulta l-ksur tal-jedd ghall-presunzjoni ta' l-innocenza, allura jsegwi li nkiser il-jedd ghal smigh xieraq;

c. Il-ksur tal-jeddijiet fondamentali hawn invokati jista' javvera ruhu fil-pendenza ta' proceduri gudizzjarji";

Dina l-Qorti ma tezitax illi tafferma illi ma taqbel assolutament xejn ma' l-appellant illi, fil-kors tad-determinazzjoni tal-ksur *o meno* tal-jedd ghall-presunzjoni ta' l-innocenza, l-'principji' illi huwa jelenka "jigu svalutati billi jigu nvokati 'cirkostanzi partikolari'" (sottolinear ta' dina l-Qorti) meta, kif già inghad ghal aktar minn darba f'dan il-gudikat, is-sentenza *Butkevicius vs Lithuania* affermat il-principju - illi mieghu dina l-Qorti taqbel pjenament - illi:
"… *whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konxja illi fil-'principju' c. hawn fuq imsemmi l-appellant jghid 'jeddijiet [u mhux jedd] fondamentali hawn invokati'. Jekk l-appellant qed jirreferi ukoll ghall-jedd ta' smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, huwa sufficjenti illi jinghad illi fil-parti tas-sentenza appellata illi fiha gie konsidrat dan il-jedd ma jissemmewx 'cirkostanzi partikolari';

Huwa evidenti, ghalhekk, illi t-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet (3) aggravju tieghu l-appellant qed jissottometti illi:
(a) Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“L-argument … abbraccjat mill-ewwel Onorabbli, fis-sens illi l-esponent ghandu r-rimedju ‘ordinarju’ tar-rikuza, huwa nfondat … [i] ghaliex l-ebda Artikolu fil-ligi vigenti ma jipprospetta r-rikuza fic-cirkostanzi tal-kaz ta’ l-esponent … [ii] ghaliex l-ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali ma jista’ jigi *bypassed* bir-rikuza ta’ gudikant”;

(b) Ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“… gie sottolineat li l-esponent qed jilmenta min-nuqqas oggettiv ta’ smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali, u mhux ghaliex fi kliem l-ewwel Onorabbli Qorti ‘ir-rikorrent ma jidhirx li qieghed jinsisti wisq dwar l-ewwel ilment tieghu’ (p. 4 tas-sentenza appellata)”;

Illi l-ewwel haga illi trid tinghad dwar is-sottomissjoni (a) hija illi l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha dwar ir-rimedju tar-rikuza meta kienet qed tikkonsidra l-ilment tar-rikorrent dwar l-imparzjalità soggettiva tat-tribunal. Dan precizat, is-sottomissjoni (a)[i] ta’ l-appellant hija infondata u huwa sufficjenti illi, ghar-rigward taghha, issir riferenza ghal dak illi jipprovdu l-artikoli 368, 446 u 510 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) u l-Artikolu 734 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Kwantu ghas-sottomissjoni (a)[ii], dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jista’ jikkonsidra illi permezz ta’ l-istitut tar-rikuza, kostitwit b’ligi, jigi ‘*bypassed*’ xi ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem meta l-*proviso* ta’ l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (illi ghalih huwa analogu l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319) jiddisponi illi:
“Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiberabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subArtikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu

disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Inoltre, tajjeb illi jigi rilevat illi, wara illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet (fol. 35 *tergo*):
"… sewwa qalu l-intimati fit-twegiba taghhom illi, jekk it-tribunal li jisma' l-kaz kontra r-rikorrent ikun presjedut mill-istess gudikanti li taw sentenzi fil-kaz ta' Anthony Farrugia, ir-rikorrent ghandu r-rimedju ordinarju tar-rikuza, u ma hux il-kaz li din il-Qorti tinqeda bis-setgha moghtija lilha biex taghti rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni",

kompliet billi ppronunzjat ruhha dwar l-ilment tar-rikorrent illi issejjah "l-imparzjalità soggettiva tat-tribunal" fit termini segwenti:
"Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kaz ta' *Gillow kontra r-Renju Unit*, qalet illi Qorti ma titqiesx li ma hijiex imparzjali ghax semghet kaz iehor kontra persuna ohra dwar l-istess fatti.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, ma hemm ebda ksur tal-jedd tar-rikorrent illi l-kaz tieghu jinstema' u jinqata' minn tribunal imparzjali."

Anqas is-sottomissjoni (b) ma hija valida u, fir-rigward, huwa sufficjenti illi jinghad illi dina l-Qorti tiskanta kif f'dan l-istadju ta' appell ir-rikorrent qed isostni illi huwa "qed jilmenta min-nuqqas oggettiv ta' smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali" meta fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, pprezentata quddiem l-ewwel Qorti meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza, jghid hekk (fol. 24-25):
"… *il-kwistjoni kollha* fil-kaz ta' l-esponent ma tirrigwardax l-indipendenza jew l-imparzjalità, f'sens soggettiv, tal-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta, izda *tirrigwarda* process penali li kif istruwit *illeda d-dritt ghall-presunzjoni ta' l-innocenza* …" (kliem migjuba in korsiv minn dina l-Qorti);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------